# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 31**

**Rikors numru 766/09/1 JPG**

**Joseph Grech personalment u bħala użufruttwarju tal-mejta mart l-istess mittenti, Maria Concetta Grech, Mario Grech, Emanuel *sive* Lino Grech u Carmelo *sive* Charles Grech bħala eredi universali u padruni assoluti tal-gid kollu tal-mejta ommhom Maria Concetta Grech u b'digriet tat-30 ta' Ottubru, 2013, l-atti ġew trasfużi f'isem Charlette Grech, Maria Grech Muscat u Analise Grech Muscat *stante* l-mewt ta' Emanuel *sive* Lino Grech**

**v.**

**Nazzareno Grech**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ta' Joseph Grech *proprio et* datat 5 ta' Awwissu 2009, li permezz tiegħu ngħad u ntalab is-segwenti:

"1. Illi r-rikorrenti Joseph Grech huwa mizzewweg lil Maria Concetta Grech u huwa missier il-konvenut filwaqt li r-rikorrenti l-ohra huma hut l-istess konvenut.

2. Illi xi seba snin ilu l-konvenut mar joqghod mal-genituri tieghu izda wara sentejn l-konvenut ippossess lil ommu Maria Concetta Grech u jekk ma taghmilx li jrid kien ikun pront isawwatha.

3. Illi missier l-intimat rah lill-istess intimat ikaxkar lil martu fl-art u r-rikorrenti zewgha Joseph Grech kien jipprova jzommu izda mbaghad kien jibda jsawwat lill-istess missieru.

4. Illi l-intimat kien anke qata t-telephone u l-qanpiena tal-bieb ta' barra biex il-genituri tieghu ma jkollhom komunikazzjoni ma' hadd u lanqas ikunu jistghu jkellmu t-tfal.

5. Illi l-genituri tal-intimat ghamlu diversi rapporti l-ghassa ta' Haz-Zabbar dwar swat kawzati mill-intimat izda kull darba kienu jahfrulu.

6. Illi fil-11 ta' Novembru 2008 r-rikorrenti Joseph Grech rraporta l-ghassa ta' haz-Zabbar li l-intimat seraqlu d-deheb u sahansitra offra Ewro 500 lill-intimat biex itih lura d-deheb u meta ghaddielu Ewro 200 akkont sab l-kaxxa tad-deheb li ghaddielu l-intimat kienet vojta.

7. Illi d-deheb li seraq l-intimat minghand missieru huwa girakori twal, il-polka ta' missier il-mara, labra, zewg chokers, choker ta' iben ir-rikorrenti Joseph Grech, Twanny Grech, arlogg tad-deheb tal-istess Twanny, cappetta wiesgha minn dawk l-anikti jghidula "tal-kanuna", zewg pari imsielet tad-djamanti, salib, zewg crieket tad-djamenti, wiehed tahulha zewgha r-rikorrenti u l-iehor tahulha hu l-istess zewgha.

8. Illi mart ir-rikorrenti Joseph Grech mietet fl-14 ta' Awissu 2008 u halliet lir-ragel ir-rikorrenti Joseph Grech uzufrutwarja u lill-uliedha r-rikorrenti l-ohra biss bhala eredi universali taghha. (Dok A –certikat tal-mewt).

9. Illi l-intimat kien ikaxkar lill-ommu u jgielha tiffirma r-rilaxx ta' flus mill-kontijiet li kellha u tghaddihom lilhom inkella xebgha u kien jehodha diversi drabi ghan-nutara li jaghzel hu biex thalli lilu u imbaghad il-mara minn warajh kienet terga tmur u thassar it-testmenti u dan kif jigi pruvat waqt din il-kawza.

10. Illi l-intimat kien anke jigbor il-kirjiet tar-rikorrenti missieru u jzommhom ghalih minghajr ma jinforma biss lill-missieru.

11. Illi r-rikorrenti jikkalkulaw li l-flus li seraq u/jew ha b'qerq l-intimat lir-rikorrenti jammonta ghal eluf kbar ta' ewro.

12. Illi r-rikorrenti sabu li l-intimat ghandu diversi investimenti fuq ismu, karozza Mercedes mhux fuq ismu, mar zewg cruises u dan meta l-istess intimat ma jahdimx;

13. Illi nonostanti li l-konvenut gie interpellat sabiex irodd lura l-flus li ha appartenti lir-rikorrenti u jersaq ghall-hlas tad-danni minnu kkawzati huwa baqa inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenut intimat kkawza danni lill-atturi rikorrenti;

2. tiddikjara li l-konvenut intimat huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi rikorrenti bl-agir tal-istess konvenut intimat;

3. tillikwida d-danni konsegenzjali subiti mill-atturi rikorrenti okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

4. tikkundanna lil konvenut intimat sabiex ihallas lill-atturi s-somma li tigi hekk likwididata minn din il-Qorti;

B'rizerva ta' dokumenti ohra mehtiega f'din il-kawza u bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Gunju 2009 u tal-mandat ta' sekwestru nru kontra l-konvenut intimat".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Nazzareno Grech datata 25 ta' Awwissu 2009, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Illi qabel xejn l-atturi jippruvaw li huma l-uzufruttwarji u l-eredi universali rispettivament tal-mejta Maria Concetta Grech.

2. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tieghu stante illi m'huwiex minnu illi huwa sawwat jew b'xi mod seraq jew nganna lill-atturi kif qed jinghad.

3. Illi konsegwentement m'ghandu jaghmel tajjeb ghall-ebda danni.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri".

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' April, 2018, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Nazzareno Grech, laqgħet it-talbiet tal-

atturi u għaddiet sabiex iddikjarat li l-konvenut Nazzareno Grech ikkawża danni lill-atturi; iddikjarat li l-istess konvenut huwa responsabbli għad-danni kollha mġarrba mill-atturi bl-aġir tiegħu; illikwidat id-danni konsegwenzjali subiti mill-atturi fl-ammont ta' €178,586.35; ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' €178,586.35; Bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

4. Dik il-Qorti, wara li għamlet sinteżi tax-xhieda kollha miġbura, tat is-sentenza tagħha filwaqt illi straħet fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-kawza tikkoncerna talba ghad-danni li l-intimat kkawza lill-atturi. Danni li allegatament gew kagunati minn serq, swat, nganni u nsulti parattikati mill-intimat fuq il-genituri anzjani tieghu.
>
> L-intimat minn naha tieghu jinnega dana kollu, jghid li kien konsidrat bhala *black sheep* tal-familja ghaliex kien jingieb hafna ma' ommu.
>
> Il-provi migjuba mill-kontendenti huma diametrikament opposti.
>
> Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:-
>
>> *"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*[1]

[1] Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 24 ta' Novembru 1966.

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet Joseph Caruana et vs Joseph Vella et deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Mejju 2016 intqal illi:

> *"Huwa prinċipju milqugħ li f'każ ta' żewġ verżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli jew possibbli, dan il-fatt għandu jmur kontra l-parti li tkun allegat il-fatt, u dan bi tħaris tar-regola ewlenija proċedurali li onus incumbit ei qui dixit. Iżda, mhux kull konflitt ta' provi għandu jwassal lill-Qorti biex ma tistax tasal bil-fehmiet tagħha għal soluzzjoni tal-kwestjoni, jekk kemm-il darba hija tasal biex tqis li xi waħda minn dawk il-verżjonijiet hija iżjed ta' min joqgħod fuqha mill-oħra;*
>
> *Illi dan jingħad għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. Sakemm il-prova li tkun hija rilevanti għall-każ, ma jagħmilx differenza jekk dik il-prova tiħux is-sura ta' xhieda bil-fomm jew ta' dokument li jixħet dawl fuq l-aspett partikolari tal-każ. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha."*[2]

Inghad ukoll illi:

> *"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja."*[3]

F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:-

> *1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
>
> *2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.*[4]

Ikkonsidrat:

Il-kas in ezami pero' jitratta testimonjanza konfliggenti biss fl-apparenza taghha. Meta wiehed jezamina fil-fond ix-xhieda prodotta u jislet t-testimonjanza korrobrata minn Banek, Puluzija, xhieda ta' GO, xhieda

[2] Vide wkoll Il-Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Bugeja. Prim'Awla Qorti Civili deciza 11 Dicembru 2008.
[3] Joseph Borg vs Joseph Bartolo, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri), deciza 25 ta' Gunju 1980.
[4] Maria Xuereb et vs Clement Gauci et, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri), deciza 24 ta' Marzu 2004.

ta' instituzzjonijiet finanzjarji u xhieda ta' ETC apparti dik tal-attur u l-ulied l-ohra tieghu, il-gudikant jibqalu biss xhieda ta' minn qed jghid s-sewwa u xhieda invertiera.

Dan hu kas ta' abbuz fuq ġenituri anzjani minn binhom l-intimat. Kas fejn l-omm (Maria Concetta Grech) tant kienet tibza' minn binha l-intimat, li rredigiet u hassret t-testment taghha ghal sbatax-il darba (17) u finalment ddezereditat lil binha l-intimat Nazzareno Grech.

Maria Concetta Grech b'mod specjali kif ukoll l-attur Joesph Grech ghexu hajja terrorizzata mill-intimat, li ghamel hiltu biex ibieghed lil genituri tieghu mill-ulied l-ohra, billi kien isakkar il-bieb ta' barra bil-firolli, jaqta' il-qanpiena tal-bieb ta' barra, jaqta' t-*telephone* tal-genituri tieghu, u kien sahhansitra jibdel s-*settings* tal-*mobile phone* ta' missieru anzjan u fl-ahhar iddistruggieh billi xehtu fl-ilma.

L-agir abbuziv tal-intimat jilhaq l-apice tieghu fl-iswat li kienet iggarrab Maria Concetta Grech f'idejn l-intimat biex iggielha ttih il-flus, flus li kienu mfaddla l-bank, f'kontijiet Bankarji, sakemm ghalqet diversi akkonti minnhom.

Dan l-iswat kien jidher mid-diversi dbengil li Maria Concetta Grech garrbet fuq gisimha u diversi *black eyes* li soffriet. Il-konvenut jipprova jghatti x-xemx bl-gharbiel u jghid li dawk ma kienux *black eyes* u li n-nefha f'ghajnejha sehhet minhabba li ommu kienet hadet rih.

Id-dbengil li Maria Concetta Grech kellha fuq idejha u dirghajha huma xhieda tal-mohqrija tal-intimat fuq ommu, li minn naha taghha, sabiex t-tfal l-ohra taghha ma jigux fil-ghali kienet tghattilu, u dejjem issiblu xi skuza – bhal "*tela' mieghi kelb*", "*hbattha mas-shade tal-karozza*", etc..

Dawn l-iskuzi ma kienux skuzi fierha, frivoli jew kappriccuzi. Dawn kienu skuzi li Maria Concetta Grech kienet kostretta li taghmel ghaliex kieku hut l-intimat (kull wiehed m'ghola hawn), saru jafu il-verita', kien jinqala glied u gwaj kbir bejn uliedha. Maria Concetta Grech kienet taf illi l-intimat kien izomm hafna armi f'darha - infatti fil-kamra tieghu kien hemm arsinale shih. Maria Concetta Grech kienet taf li binha l-intimat kien bniedem li jasal. Infatti l-pulizija sabu fil-kamra tal-intimat ammont konsiderevoli ta' armi, mwies, snieter, airguns, revolvers, skieken, flick knives, crossbow bil-vlegga u harpoon, apparti kwantita konsiderevoli ta' munizzjon ghall-armi ndikati. (Vide fol 329 xhieda ta' PS Reuben Saliba).

Ghalhekk wiehed jifhem ir-raguni l-ghaliex Maria Concetta Grech ghazlet li ma tikxifx dak li kienet qed ssofri tul is-snin, ma' zewgha u l-ulied l-ohra. Kien biss fl-ahhar ta' hajjitha, li bdiet tlissen xi ftit minn dak li soffriet, u dana biss lil zewgha.

L-iswat ma kienx biss dak li soffriet Maria Concetta Grech taht idejn l-intimat. Il-kwalita' u l-entita ta' hmieg u ntiena li l-intimat kien igieghel lil genituri jghixu fih, tindika ukoll livell gholi ta' mohqrija.

L-intimat kien izomm sitt (6) iqtates u kelb apparti t-tjur, fid-dar tal-genituri tieghu u jippermetti li dawn ihammgu gewwa minghajr ma jnaddaf warajhom. Mhux hekk biss, izda l-intimat kien waqqaf lil mart Carmelo Grech milli tnaddaf d-dar tal-atturi darba fil-gimgha. Ir-ritratti ezebiti Dok H sa Dok I, minn fol 276 sa fol 293 huwa xhieda inkontrovertibbli tal-istat ta' hmieg intollerabbli tad-dar tal-atturi. Apparti l-iswat u l-hmieg u l-intejjen fid-dar, jirrizulta minn *compact disk* (CD) Dok Z fol 294 illi l-intimat kien jinsulta lill-genituri tieghu u jghajjarhom bl-aktar mod ahrax, baxx u vulgari, b'dagha repetut u mzewwaq sew.

Meta l-attur Joseph Grech finalment induna bil-*withdrawals* ta' sommom sostanzjali mill-*joint Bank Accounts* tieghu u ta' martu, l-intimat kien lahaq approfitta ruhu minn somma sostanzjali ta' flus. Illi ghalhekk ftit li xejn kien utli l-bdil ta' struzzjonijiet bankarji mahruga mill-attur Joseph Grech fejn eziga z-zewg firem tal-konjugi Grech ghal kull *withdrawal*.

Illi jirrizulta mid-dokumenti ezebiti minn Christine Borg ETC[5], illi l-intimat kien ilu ma jahdem effettivament mill-1984[6]. Minkejja li jghid li kellu hanut u li baqa' jahdem mid-dar, l-intimat naqas li jipproduci l-icken prova ta' dan u d-dhul tieghu minn dan n-negozju jew xi provi mid-dokumenti ta' taxxa jew VAT.

Eppure l-intimat irnexxielu jixtri Mercedes bi prezz ta' €13,500 bi tnaqqis ta' €2000 ghal Tercel li parta. Di piu' l-intimat baqa' jirrifjuta li jaghmel t-trasferiment tal-karozza f'ismu. Ix-xhieda ta' Stephen Attard[7], flimkien mal-evidenza Bankarja ta' kif sar il-hlas huwa xhieda inkontrovertibbli li din il-vettura xtrahha l-intimat bi flus Maria Concetta Grech.

Apparti dan kollu jirrizulta ammess, anki mill-intimat, li kien mar fuq zewg cruises minkejja li ma kienx jahdem. Ir-rebh ta' dawn il-cruises mill-GO ma jirrizulta minn imkien. Anzi jirrizulta propju l-oppost. Fil-verita' il-cruise promoss mill-GO intrebah minn certu Mary Gauci.

Minkejja n-nuqqas ta' imjpieg jew introjtu iehor, l-intimat ghamel diversi investimenti sostanzjali kif jidher mix-xhieda ta' Jean Claude Bugeja[8] Dok JCB[9] ma' Island Financial Services Limited – investiment ta' €31,833.60 u investiment iehor ta' 'l fuq minn €6,531 investiti mal-istess kumpanija. Di piu' l-intimat kellu zewg (2) Life Insurance policies[10], wahda mil-liema policy giet imsarrfa mill-intimat f'ammont ta'

[5] Vide fol 437.
[6] Vide Dok XX1 a fol 440.
[7] Vide skrittura privata DokZ4 a fol 404.
[8] Vide fol 475 et seqq.
[9] Vide fol 477.
[10] Vide fol 503 u 504.

€52,994.87 permezz ta' cheque mill- Bank Of Valletta bin-numru 015228[11] mhallas lill-intimat.

Mix-xhieda prodotta jirrizulta illi mis-sena 2004 sas-sena 2008:

- LM70 fix-xahar kera ta' 27, St Anthony street, Marsascala – u cioe' LM70 X 12(il-xahar) X 4 snin = LM3,360;

- LM100 fix-xahar kera ta' Flat 4, Mary Flats, Triq id-Dugh, Marsascala – u cioe' LM100 X 12(il-xahar) X 4 snin = LM4,800;

- LM167 kull xahar kera ta' hanut li jinsab 21, St Domenic Street, Zabbar – u cioe' LM167 X 12(il-xahar) X 4 snin = LM8,016;

- Ghar-rigward tal-wirt ta' Twanny ma ngabx prova dwar l-entita' tad-dhul tal-imghaxxijiet;

Mill-akkonti bankarji tal-Bank Of Valletta – vide Dok numru 1 a fol 134 – fl-akkont numru 15101888019 saru s-segwenti *withdrawals*:

Bejn Dicembru 2004 u Dicembru 2005:

- Fil-25/12/2004 – LM 1,000
- Fil-23/04/2005 – LM 1,400
- Fis-27/04/2005 – LM 419.85
- Fil-17/05/2005 – LM 1,000
- Fil-08/06/2005 – LM 3,000
- Fit-08/06/2005 – LM 43.92
- Fil-01/07/2005 – LM 1,000
- Fil-01/07/2005 – LM 600
- Fil-11/07/2006 – LM 1,000
- Fil-11/07/2005 – LM 101.96
- Fil-25/08/2005 – LM 2,400
- Fil-19/10/2005 – LM 1,000
- Fil-27/10/2005 – LM 216.36
- Fil-08/11/2005 – LM 530
- Fil-02/12/2005 – LM 519.01
- Fil-15/12/2005 – LM 6,000

- Total ta' - LM 20,231.09

Bejn Jannar 2006 u Novembru 2006 mill-istess kont bankarju saru s-segwenti *withdrawals*:

- Fil-24/01/2006 – LM 2,000
- Fil-23/02/2006 – LM 1,000
- Fit-28/02/2006 – LM 38.22

[11] Vide fol 504.

- Fil-20/03/2006 – LM 30,150
- Fil-20/03/2006 – LM 211
- Fil-22/03/2006 - LM 500
- Fil-29/03/2006 - LM 1,000
- Fil-26/04/2006 – LM 1,000
- Fil-05/05/2006 – LM 60
- Fil-08/05/2006 – LM 500
- Fil-10/05/2006 – LM 60
- Fis-16/05/2006 – LM 500
- Fil-01/06/2006 – LM 618.28
- Fil-26/06/2006 – LM 1,000
- Fil-10/07/2006 – LM 3,050
- Fit-28/08/2006 – LM 600
- Fil-04/09/2006 – LM 1,000
- Fil-15/09/2006 – LM 130.96
- Fil-05/10/2006 – LM 19.33
- Fil-10/10/2006 – LM 1,600
- Fis-07/11/2006 – LM 19.34
- Fis-27/11/2006 – LM 150
- Fit-28/11/2006 – LM 300
- Fil-30/11/2006 – LM 538.36

- Total ta' – LM 46,045.49 mil-liema somma jrid jitnaqqas s-somma ta' LM 30,150, liema somma ingibdet mill-attur Joseph Grech.
- Total ta' - LM 15,895.59

Bejn Dicembru 2006 sa Jannar 2008 saru s-segwenti *withdrawals* mill-istess *joint bank account* ta'l-attur Joseph Grech u martu Maria Concetta Grech:

- Fit-28/12/2006 – LM 128.81
- Fit-28/12/2006 – LM 8,000.11
- Fil-31/01/2007 – LM 250
- Fil-31/01/2007 – LM 19.41
- Fis-06/02/2007 – LM 190
- Fil-20/03/2007 – LM 1,000
- Fil-10/04/2007 – LM 18.44
- Fil-09/05/2007 – LM 18.37
- Fil-22/05/2007 – LM 194.43
- Fil-31/05/2007 – LM 100
- Fil-02/06/2007 – LM 150
- Fil-02/06/2007 – LM 1,000
- Fis-27/06/2007 – LM 60
- Fit-30/06/2007 – LM 18.15
- Fit-07/08/2007 – LM 18.15
- Fit-30/08/2007 – LM 350
- Fit-12/09/2007 – LM 1,000

- Fil-01/11/2007 – LM 17.03
- Fil-08/11/2007 – LM 1,000
- Fit-13/11/2007 – LM 120

- Total ta' – LM13,652.90

Bejn Dicembru 2003 sa Lulju 2006 mill-kont bankarju tal-Bank Of Valletta f'isem Cettina Grech numru 15101860011 (Vide fol 206, 205, 204) hargu s-segwenti *withdrawals*:

- Fil-14/01/2004 – LM 19.27
- Fis-27/01/2004 – LM 223.32
- Fil-20/04/2004 – LM 20.94
- Fis-17/05/2004 – LM 16.31
- Fil-14/06/2004 – LM 44.81
- Fis-17/11/2004 – LM 1,140
- Fis-27/01/2005 – LM 86.15
- Fil-14/04/2005 – LM 90
- Fit-23/03/2005 – LM 19.68
- Fil-14/04/2005 – LM 219.60
- Fil-09/05/2005 – LM 200
- Fis-27/07/2005 – LM 2,500
- Fit-02/08/2005 – LM 155.03
- Fit-02/08/2005 – LM 300
- Fis-17/08/2005 – LM 1,000
- Fid-19/09/2005 – LM 200
- Fid-19/10/2005 – LM 500
- Fis-16/01/2006 – LM 224.17
- Fil-05/05/2006 – LM 5001.25
- Fil-11/04/2006 – LM 197.97
- Fil-05/05/2006 – LM 200
- Fis-17/07/2006 – LM 44.77

- Total ta' – LM 12,403.27

Jirrizulta minn kontijiet bankarji tal-Bank of Valletta a fol 217 illi l-kont bankarju numru 15101860037 inghalaq fid-29 ta' Jannar 2008 fl-ammont ta' LM 3182.50. Di piu' il-kont bankarju mal-istess bank numru 15101860040 inghalaq fit-8 ta' Novembru 2007 bil-*withdrawal* ta' *LM 4,000*.

A fol 867 jidher il-*withdrawal* ta' LM 8,245 mill-Global Capital lill-intimat permezz ta' *Bank Draft* numru 573766 a fol 865 waqt illi l-kumplament inghataw fi flus kontanti.

Ghaldaqstant meta wiehed jghodd s-subtotals fuq indikati jirrizulta s-segwenti:

- LM 3,360
- LM 4,800
- LM 8,016
- LM 20,231.09
- LM 15,895.59
- LM 13,652.90
- LM 12,403.27
- LM 3,182.50
- LM 4,000
- LM 8,245
- LM 93,786.35 – hu l-ammont totali.

Fir-rigward tad-deheb li nsteraq mill-intimat, l-Qorti tikkusnidra il-valur tad-deheb arbitrio boni viri fl-ammont ta’ LM 2000, cioe total ta': - LM 95,786.35

Minn dan l-ammont il-Qorti tifhem illi il-konjugi Grech zburzjaw ammonti ghal ghixien taghhom mil-bidu tas-sena 2004 sa l-ahhar tas-sena 2007, u din il-Qorti tifhem illi b' LM400 fix-xahar apparti l-pensjoni, l-koppja u binhom l-intimat, kienu jghixu hajja dicenti. Ghaldaqstant minn dak l-ammont fuq indikat irid jitnaqqas:

LM 400 X 12 (-il xahar) X 4 (snin) = LM 19,200.

Di piu’ il-Qorti tgharaf illi ma jehtiegx tnaqqis ulterjuri ghall-btala tal-familja shiha tieghu lejn Lourdes li swiet lil attur Joseph Grech LM 20,000 il-ghaliex minn fol 191 tal-process jirrizulta illi il-kumplament tal-flus mil-bejgh tal-propjeta tal-art cioe l-ammont ta' LM 50,000 u mill-prezz ta' LM 70,000 gew debitament depozitati fil- *joint bank account* fit-23 ta' April 2004.

Ghaldaqstant l-intimat ghandu jghati lill-atturi s-somma ta:

LM 95,786.35 – LM 19,200 = LM 76,586.35

Ekkwivalenti ghall = € 178,586.35”.

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Nazzareno Grech, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta’ April, 2018, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-atturi, li permezz tagħha wieġbu li din il-Qorti għandha tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż doppji kontra l-appellant.

7. Rat li meta ssejjaħ l-appell waqt is-seduta tat-28 ta' Frar, 2023, il-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx xi jżidu mal-atti tal-appell.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

9. Illi l-azzjoni attriċi hija waħda ta' danni fil-konfront tal-konvenut fejn jixluh li seraq id-deheb u permezz ta' vjolenza u theddid fil-konfront ta' ommu ħa l-flus mill-kontijiet li kellha Maria Concetta Grech (f'isimha biss jew flimkien ma' żewġha), fejn kien jeħodha għand diversi nutara sabiex tħalli ġidha lilu, kif ukoll jiġbor diversi kirjiet u jżommhom għalih mingħajr biss ma jinforma lil missieru. Kwindi l-atturi jsostnu li l-konvenut ħa b'qerq eluf kbar ta' ewro, tant li l-istess konvenut għandu diversi investimenti f'ismu, karozza Mercedes u mar żewġ *cruises* meta lanqas biss jaħdem. Peress li meta nterpellat l-istess konvenut baqa' inadempjenti, l-atturi ressqu din il-kawża sabiex il-Qorti (i) tiddikjara li l-konvenut ikkawża danni lill-atturi; (ii) tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-atturi bl-aġir tal-istess konvenut; (iii) tillikwida d-danni

konsegwenzjali mġarrba mill-atturi, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti jew esperti nominandi; u (iv) tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi s-somma li tiġi hekk likwidata minn din il-Qorti.

10. Il-konvenut ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet bħala difiża: (I) l-atturi jridu jippruvaw li huma l-użufruttwarji u l-eredi universali rispettivament ta' Maria Concetta Grech; (II) it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fil-konfront tiegħu peress li mhuwiex minnu li huwa sawwat jew b'xi mod seraq jew inganna lill-atturi, kif qiegħed jingħad; (III) konsegwentement m'għandu jagħmel tajjeb għall-ebda danni; (IV) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

11. Permezz tas-sentenza tagħha tal-20 ta' April, 2018, il-Prim'Awla ddeċidiet il-kawża billi filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet it-talbiet tal-atturi, u ddikjarat li l-konvenut Nazzareno Grech ikkawża danni lill-atturi, u li l-istess konvenut huwa bl-aġir tiegħu responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-atturi; illikwidat id-danni konsegwenzjali mġarrba mill-atturi fis-somma ta' €178,586.35 u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-atturi l-istess somma ta' €178,586.35, bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

12. Il-konvenut ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. Fl-ewwel parti tal-aggravju tal-konvenut, bażikament fih jattakka l-apprezzament tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti. Huwa jsostni li evidentement l-Ewwel Qorti baqgħet impressjonata mill-allegazzjonijiet xejn sbieħ li l-atturi għamlu fil-konfront tal-konvenut, li fil-fehma tiegħu ma ġewx sostnuti bl-ebda mod. Jingħad mill-appellant li l-Ewwel Qorti adottat atteġġjament ferm ostili fil-konfront tiegħu, kif tixhed il-linja ta' mistoqsijiet li l-istess Qorti wettqet b'mod irritwali u li fil-fehma tiegħu l-aktar atteġġjament ċensurabbli kien meta xehdu r-rappreżentanti tal-Bank of Valletta, peress li saru mistoqsijiet diretti u ntiżi sabiex ixaqilbu l-bilanċ proċesswali, fejn spiċċat tikkonduċi l-eżami hi stess b'mistoqsijiet direttissimi, li poġġa lill-konvenut fi żvantaġġ proċesswali notevoli. Dan meta fil-fehma tal-appellanti l-Ewwel Qorti ma kellha qatt tintrometti ruħha fid-dibattiment bejn il-partijiet b'tali mod u manjiera li tispiċċa mhux biss forċina iżda anke reġista fl-istrateġija proċesswali ta' xi parti. Jisħaq li l-liġi tagħti diskrezzjoni lill-Qorti sabiex issaqsi xi mistoqsijiet sabiex tikkjarifika meta l-partijiet ikunu staqsew il-mistoqsijiet tagħhom u mhux tintrometti ruħha x'tip ta' mistoqsijiet isiru u tinkalza x-xhud sabiex toħroġ l-informazzjoni li tixtieq toħroġ il-Qorti. Jinsisti li xogħol il-Qorti huwa li tiddeċiedi l-kawża fuq il-bażi tal-provi li jinsabu in atti u mhux li tipparteċipa attivament fil-kompilazzoni tal-istess provi u tagħmel tajjeb għal kwalunkwe ommissjoni ta' xi parti. Kwindi jinsisti li l-atteġġjament

tal-Ewwel Qorti poġġa lill-konvenut fi żvantaġġ kbir u kien ferm inġust fil-konfront tiegħu.

13. Fit-tieni parti tal-aggravju tiegħu, l-appellant isostni li l-preġudizzju manifestat tal-Ewwel Qorti wassal għall-apprezzament manifestament żbaljat u konklużjoni assurda. Jilmenta li l-Ewwel Qorti mhux biss injorat il-prinċipju ta' *actor non probante reus absolvitur,* talli fin-nuqqas ta' provi, wettqet eżerċizzju superfiċjali u arbitrarju għall-aħħar, meta wara li għaddet il-ħruġ kollu mill-kontijiet tal-konjuġi Grech, fiż-żmien inkwistjoni u wara li naqqset is-somma mensili ta' Lm400, żiedet is-somma ta' Lm2,000 *arbitrio boni viri* għad-deheb li allegatament ħa l-konvenut. Iżda sabiex isir dan, kien meħtieġ li l-atturi appellati juru li l-flus kollha li nġibdu mill-kontijiet bankarji tal-konjuġi Grech kienu saru fuq pressjoni eżerċitata minnu, liema prova ma saritx. Anzi l-appellant jisħaq li mill-provi jirriżulta li l-ġbid kollu li sar mill-kontijiet tal-mejta Maria Concetta Grech sar minnha u kontra l-firma tagħha u kien hemm diversi tranżazzjonijiet fejn kienet tkun akkumpanjata mir-raġel tagħha stess. Jikkontendi li l-unika prova konkreta li saret kienet li l-ġbid ta' flus fis-somma ta' €7,113.13 bħala *bills payable* favur Stephen Attard li huwa sid il-karozza Mercedes, li mingħandu akkwista l-istess vettura (li qatt ma ġiet trasferita f'ismu u llum tinsab miżmuma mill-atturi), mentri jargumenta li ma saret l-ebda prova dwar il-provenjenza tal-flus tal-investimenti tiegħu, fis-sens jekk seraqhomx mingħand ommu jew ġewx finanzjati minnha. Wara kollox,

ikompli l-appellant, hekk kif mit-testment sigriet tad-*decuius* jirriżulta li t-testatriċi ddiżeredat lill-konvenut minħabba raġunijiet ta' "moħqrija, inġurji serji, theddid u swat", iżda fl-ebda ħin ma semmiet miżapproprjazzjoni jew serq ta' flus. Jilmenta li l-Ewwel Qorti injorat ukoll il-fatt li kienu jinxtraw bosta affarijiet għad-dar tal-konjuġi Grech. Jisħaq li l-appellati kellhom iressqu provi ċerti dwar is-sottrazzjoni tal-flus, lil hinn minn suspetti u insinwazzjonijiet li saru mill-atturi. Għalhekk il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija assurda. Hekk ukoll, jiġi osservat mill-appellant li filwaqt li l-attur Joseph Grech fl-affidavit tiegħu jikkwantifika l-pretensjonijiet tiegħu fis-somma ta' Lm69,483, ekwivalenti għal €161,851, iżda fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi, il-pretensjoni tagħhom telgħet għal €306,010.25, mentri l-Ewwel Qorti llikwidat l-ammont ta' €178,586.35 u dan riżultat tal-eżerċizzju rrazzjonali mwettaq minnha.

14. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn l-aggravju tal-konvenut appellant jissejjes fuq l-apprezzament tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti, kif ingħad drabi oħra, ir-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-ewwel grad, jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġonevoli, jew jinsab kontradett mill-fatti riżultanti mill-proċess. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Josephine Agius v. Piju Theuma**). Madankollu, huwa minnu wkoll li "*l-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-*

*apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*". (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et**).

15. B'dawn il-prinċipji f'moħħ din il-Qorti, sar eżami mill-ġdid tal-atti, fejn irriżulta li l-provi huma mifruxa fuq diversi volumi fejn xehdu mhux biss il-membri tal-familja Grech, iżda numru ta' xhieda oħra li jistgħu fil-verità jitqiesu indipendenti. Madankollu, qabel ma din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-provi, jeħtieġ li din il-Qorti tindirizza dak li jingħad mill-appellant fl-ewwel ilment tiegħu, fil-konfront tal-ġudikant li kienet qiegħda tippresjedi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Mhuwiex xieraq li uffiċjal tal-Qorti

bħalma huwa l-avukat tal-konvenut appellant li jittanta jixħet dell fuq ix-xogħol imwettaq mill-ġudikant fit-tmexxija tal-kawża. Dan meta, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-8 ta' Jannar, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Wands Limited v. William Dingli et**: "l-*principju ġenerali għandu jkun, u dan hu rifless fil-provvedimenti tal-Kodici ta' Procedura li jirregola t-tmexxija tal-procediment kontenzjuz illi l-Qorti kellu jkollha diskrezzjoni mill-aktar wiesgha fil-kondotta tal-kawza u fil-produzzjoni ta' xhieda. Il-Qorti tista' mhux biss, fil-waqt ta' ezami jew ta' kontro-ezami, taghmel lix-xhud dawk il-mistoqsijiet li jidhrilha meħtieġa jew spedjenti (Artikolu 582), imma tista' dejjem, għar-raġuni tajba, tirregola xort'oħra kif għandhom jinġiebu l-provi wkoll f'ordni divers minn dak fil-Kodici stabbilit; ara Tarcisio Agius et -vs- Dr. Victor Bajada et nominee, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999".* Filwaqt li din il-Qorti tħaddan l-istess prinċipji, jingħad ukoll li, il-fatt li l-Qorti tagħmel mistoqsijiet diretti lejn xhud, ma jfissirx li dan isir bil-għan li jixxaqleb il-bilanċ proċesswali, jew il-fatt li twissi lix-xhud (f'dan il-każ il-konvenut) li meta jkun ħa l-ġurament ikun obbligat li jgħid il-verità u fin-nuqqas, li jkunu jistgħu jittieħdu passi kontrih, li b'daqshekk jista' jingħad li l-Qorti ma mxietx b'mod ġust jew li tefgħet lill-konvenut appellant fi żvantaġġ kbir. Minkejja li din il-Qorti fliet il-provi voluminużi in atti, ma tqisx li l-appellant għandu raġun f'dan l-ilment tiegħu.

16. Imiss li jiġi trattat l-ilment dwar l-apprezzament tal-provi. Jibda billi jiġi mfakkar li kif ingħad drabi oħra, il-prinċipju li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, (Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) dak li fil-ġurisprudenza tagħna, jiġi deskritt bħala *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Għalkemm huwa l-obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti, sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. U fil-fatt l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi wkoll li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, iżda jingħad ukoll fir-rigward tal-materja ta' provi, li l-oneru tal-prova huwa ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), u kemm fuq il-konvenut in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretensjonijiet tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*). Fil-kors tal-kawża, dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għaliex kif ingħad "*jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta*" – (Ara Kollez. Vol. XXXVII.i.577, kif ukoll is-sentenza mogħtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**).

17. Inoltre, f'ġudizzju ċivili, il-Qorti trid tiddeċiedi fuq il-preponderanza tal-probabbilitajiet u huwa meħtieġ li Qorti tara jekk verżjoni waħda teskludix lill-oħra, fuq bilanċ ta' probabbilitajiet. Għalhekk l-evalwazzjoni tal-provi da parti tal-Qorti f'kaz ta' kunflitt bejn verżjonijiet differenti, huwa

li tiddeċiedi fuq bilanċ ta' probabbilitajiet u l-verosimiljanza tal-provi u li fin-nuqqas biss, għandu jiġi applikat il-principju ta' *actore non probante reus absolvitor* imsemmi mill-konvenut appellant. Tant hu hekk li ngħad:

> *"….il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet."*

(Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' April, 2004, fil-kawża fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et**).

18. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, din il-Qorti taqbel ma' dak li ngħad mill-Qorti ta' qabilha, fis-sens li filwaqt li hemm verżjonijiet kontrastanti mogħtija mill-kontendenti fil-kawża, tressqu bħala provi in atti x-xhieda ta' diversi nies u dokumenti li aktar jagħtu sostenn lill-verżjoni tal-atturi milli dik tal-konvenut. Jgħid ħafna l-fatt li Maria Concetta Grech għamlet xejn inqas minn sbatax-il testment, erbatax minnhom proprju fiż-żmien fejn il-konvenut kien jgħix mal-ġenituri fejn kemm-il darba kienet tmur mal-konvenut għand nutar, sabiex imbagħad terġa' tmur mar-raġel tagħha (l-attur Joseph Grech) sabiex tħassar dak preċedenti, sakemm fl-aħħar iddeżeredat lill-istess konvenut appellant permezz tat-testment sigriet tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2006, (ara fol. 55) għar-raġunijiet hemm mogħtija ta' moħqrija, inġurji serji, theddid u swat. Fil-verità, l-istess Maria Concetta Grech għamlet referenza għall-moħqrija, theddid, swat u

saħansitra serq ta' flus li kienet qiegħda ġġarrab minn taħt idejn il-konvenut sa mit-testment tagħha tat-23 ta' Marzu, 2004 (ara Dok. JG 6 a fol. 39 tal-proċess) li għalkemm jirriżulta mħassar permezz tat-testment tagħha tat-8 ta' Jannar, 2007 (ara Dok. JG 17 a fol. 17 tal-proċess) jibqa' relevanti bħala prova tal-martirju li minnu kienet għaddejja l-istess Maria Concetta Grech, minn taħt idejn il-konvenut, li jkompli jsostni t-teżi tal-atturi appellati li hija kienet imġegħla tagħmel li ried il-konvenut sforz il-biża' li kellha.

19. Dan apparti li, l-aġir deplorevoli tal-konvenut jirriżulta minn diversi provi oħra mressqa mill-atturi, fosthom ir-rapport tal-pulizija magħmul mill-istess Maria Concetta Grech, fl-20 ta' Lulju, 2004 (ara Dok. FF1 a fol. 422) fejn proprju rraportat lill-konvenut tali refa' jdejh fuqha u heddidha, sabiex imbagħad hija wriet il-fehma li ma xtaqitx li jittieħdu passi kriminali fil-konfront ta' binha u għalhekk irtirat l-istess rapport (ara Dok. F a fol. 274). Hekk ukoll, id-diversi armi li kienu nstabu fil-pussess tal-konvenut (ara fol. 424) li kienu sors ta' nkwiet kbir għall-ġenituri tiegħu li baqgħu jżommu ġo fihom sabiex iżommu l-kwiet u l-paċi fil-familja sabiex jevitaw l-għali. Inoltre, għalkemm huwa minnu li kienet l-istess Maria Concetta Grech li tmur il-bank tiġbed il-flus, mix-xhieda tal-istess rappreżentanti tal-bank jirriżulta li, hija kienet tkun imbikkma u mbeżża' (ara xhieda ta' Geraldine Borg a fol. 357 sa 360) u kien hemm istanti fejn il-konvenut kien jipprova jersaq viċin l-anzjana (altru milli allegazzjonijiet u

konġetturi). Dan kollu ma jħalli l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-veraċità ta' dak li jingħad fir-rikors promotur tal-atturi (u dan apparti x-xhieda tal-istess atturi) li l-istess Maria Concetta Grech kienet qiegħda tiġbed il-flus mill-kontijiet tal-bank, taħt theddid tal-istess konvenut. Il-fatt li Maria Concetta Grech kienet tkun xi drabi akkumpanjata minn żewġha, l-attur Joseph Grech, ma jbiddel xejn mill-fehma tal-Qorti. Prova oħra (jekk kien hemm bżonn) huwa r-ritratt ta' tbenġil li kellha l-istess Maria Concetta Grech (ara ritratti esebiti bħala Dok. D u Dok. E a fol. 273) u x-xhieda tal-attur Joseph Grech li meta kien jintervjeni kien jispiċċa huwa stess imsawwat. Tabilħaqq l-aġir tal-konvenut li jagħmel il-prepotenza ma' żewġ ġenituri anzjani, apparti li hija ta' stmerrija kbira, twassal għall-ħtieġa li l-konvenut iwieġeb għad-danni mġarrba mill-atturi konsegwenza tal-istess aġir.

20. Madankollu jeħtieġ li tiġi nvestita wkoll il-likwidazzjoni ta' danni magħmula mill-Ewwel Qorti, peress li kien jispetta lill-atturi jippruvaw bl-aħjar mod possibbli d-danni li qegħdin jippretendu. Huwa minnu li filwaqt li l-attur Joseph Grech jikkwantifika d-danni fis-somma ta' €161,851, fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi din il-figura telgħet għal €306,010.37. Iżda lil hinn mill-pretensjonijiet, mill-provi in atti jirriżulta xieraq li jkun hemm reviżjoni tal-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti fis-somma ta' €178,586.35. Dan għas-segwenti raġunijiet:

(I) Inkwantu għall-kirjiet tal-fondi elenkati mill-Ewwel Qorti jingħad-

- Jinsab esebit in atti l-kuntratt ta' lokazzjoni tal-fond numru 27, St Anthony Street, Marsascala li għalih il-konvenut kien jitħallas LM70 fix-xahar, iżda din il-kera ma kinitx għal erba' snin kif kalkulat mill-Ewwel Qorti, iżda bejn Settembru 2007 u Ottubru 2008 (ara Dok. X a fol. 246) għal total ta' Lm980 (ekwivalenti għal **€2,282.79)**;

- Inoltre kien hemm ukoll Flat 3 fl-istess indirizz li nkera mill-konvenut lil Ismael Ellul bejn Jannar 2008 u Novembru 2008 bir-rata ta' Lm65 fix-xahar (ara Dok Y a fol. 252) għal total ta' Lm650 (ekwivalenti għal **€1,514.10);** Dan l-appartament ma jidhirx li ġie nkluż fl-eżerċizzju tal-Ewwel Qorti;

- LM100 fix-xahar kera ta' Flat 4, Mary Flats, Triq id-Dugh, Marsascala – Għal darb'oħra mill-provi jirriżulta li dan il-fond inkera mill-konvenut għal madwar sentejn (ara xhieda Lucienne Attard u l-ktieb tal-kera esebit minnha) fejn irriżulta wkoll li l-konvenut tħallas Lm2,400 għall-kera u Lm286.34 għall-għamara, total ta' Lm2,686.34 (ekwivalenti għal €6,257.49) u mhux Lm4,800 kif kalkulat mill-Ewwel Qorti.

- LM167 kull xahar kera ta' ħanut li jinsab 21, St Domenic Street, Zabbar – u ċjoè LM167 X 12(il-xahar) X 4 snin = **LM8,016** – ma tressaq l-ebda kuntratt, ktieb tal-kera jew xhieda ta' xi inkwilin sabiex issostni din il-lokazzjoni jew il-kirja kif sar fil-każijiet l-oħra. Kwindi hija l-fehma ta' din il-Qorti li fin-nuqqas ta' korroborazzjoni permezz ta' provi, dan l-ammont ma kellux jiġi nkluż fil-komputazzjoni tad-danni;

(II) Din il-Qorti kellha okkażjoni wkoll li tivverifika hija stess il-ġbid ta' flus mill-kontijiet tal-banek, hekk kif elenkati mill-Ewwel Qorti, mad-diversi tranżazzjonijiet esebiti mir-rappreżentanti tal-bank u ssib li taqbel mal-ammonti u t-totali hemm elenkati. L-unika somma li din il-Qorti ma taqbilx magħha hija dik ta' Lm8,245, rappreżentanti flus li ssarrfu mill-konvenut, mill-polza li kellu mal-Global Capital. Din is-somma fil-fatt kellha tiġi elenkata mal-investimenti magħmula mill-konvenut u mhux minn Maria Concetta Grech. Madankollu jirriżulta li Maria Concetta Grech kellha investiment ta' Lm7,706.36 (ara Dok. J a fol. 87) li effettivament ingħalaq fil-5 ta' Ottubru, 2007. Kwindi hija din is-somma li kellha tintuża għall-fini tal-komputazzjoni ta' danni.

21. Isegwi li l-ammonti li kellhom jingħaddu huma:

- LM980
- LM650
- LM2,686.34
- LM20,231.09
- LM15,895.59
- LM13,652.90
- LM12,403.27
- LM3,182.50
- LM4,000
- LM7,706.36

**Total: LM81,388.05**

Fil-każ tad-deheb li safa nieqes, filwaqt li din il-Qorti hija propensa li temmen lill-attur Joseph Grech, li jitqies bħala xhud ferm aktar kredibbli u konsistenti mill-konvenut, fin-nuqqas ta' prova ċerta dwar il-valur tad-deheb, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tillikwida dan l-ammont fis-somma ta' Lm2,000 *arbitrio boni viri.* Kwindi meta jiżdied dan l-ammont, is-somma totali ssir **Lm83,388.05.** Hekk ukoll, kienet raġonevoli l-Ewwel Qorti meta naqqset l-ammont ta' Lm400 fix-xahar li l-koppja Grech setgħet ġibdet għall-bżonnijiet tal-familja (apparti l-pensjoni) li kellhom jitwarrbu. Kwindi meta jitnaqqas l-ammont ta' Lm19,200 ikkalkulat mill-Ewwel Qorti, mit-totali ta' Lm83,388.05, wieħed isib li l-bilanċ rivedut huwa ta' Lm83,388.05 – Lm19,200= **Lm64,188.05**

22. Punt imqajjem mill-konvenut appellant li jista' jitqies validu huwa dak li Maria Concetta Grech kienet tiġbed il-flus ukoll sabiex tagħmel xi affarijiet fid-dar. Fil-fatt, l-istess attur Joseph Grech jixhed li l-mara kienet nefqet madwar **Lm15,000** sabiex irranġat id-dar (ara fol 577 tal-proċess), kif ukoll ix-xhieda in kontroeżami tal-istess Joseph Grech (a fol. 948). Kwindi għandu jitnaqqas dan l-ammont, sabiex b'hekk l-ammont dovut mill-konvenut għandu jkun dak ta' Lm64,188.05 - Lm15,000 = **Lm49,188.05** (ekwivalenti għal **€114,577.34**). Kwindi s-sentenza appellata għandha tiġi riformata f'dan is-sens.

23. Mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward il-punt imqanqal mill-konvenut appellant, li ma saritx prova ċerta dwar il-provenjenza tal-flus għall-investimenti tiegħu. Sabiex ikun jista' jingħad li l-istess sar mill-flus li ttieħdu mingħand il-ġenituri, jibqa' fatt inkontestat li l-konvenut kien jirriżulta mal-Employment and Training Corporation li kien ilu ma jaħdem sa mis-sena 1991 (ara fol. 441). Għalkemm huwa minnu li jirriżulta mhux kontestat li wara dan iż-żmien il-konvenut kien għamel xi negozju bil-*parts* tal-karozzi, jibqa' l-fatt li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova (bħal dikjarazzjoni tad-dħul għall-fini ta' taxxa) jew prova oħra sabiex jiġġustifika li kien warrab biżżejjed flus għal dawn l-investimenti. Il-fatt li s-somma ta' €52,000 li nvesta l-konvenut ma' Island Financial Services Limited fis-sena 2008 kienet ġejja minn likwidazzjoni ta' polza li kellu ma' MiddleSea Valletta Life (ara fol. 504) ma hija tal-ebda suffraġju, aktar u

aktar meta mill-istess dokument maħruġ mill-MSV Life jirriżulta li din is-somma oriġinarjament ġiet investita fi tliet pagamenti fuq medda ta' madwar sitt xhur (li bdew fid-19 ta' Ġunju, 2007 sa Jannar, 2008) fejn kull pagament sar fi flus kontanti! Isegwi li dan l-ilment ma jreġix.

24. Isegwi li, filwaqt li din il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi l-atturi rnexxielhom jippruvaw il-każ tagħhom sodisfaċentement u mhux sempliċement b'insinwazzjonijiet, inkwantu tinsab sodisfatta wkoll li l-konvenut bl-aġir tiegħu kkawża d-danni lill-atturi, iżda b'dan illi l-ammont ta' danni qiegħed jiġi rivedut minn din il-Qorti għas-somma ta' €114,577.34.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tilqa' f'parti l-appell tal-konvenut Nazzareno Grech u filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' April, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, sa fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Nazzareno Grech u laqgħet l-ewwel żewġ talbiet attriċi meta, iddikjarat li l-konvenut Nazzareno Grech ikkawża danni lill-atturi u li l-istess konvenut huwa responsabbli għad-danni kollha mġarrba mill-atturi bl-aġir tiegħu; iżda tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt li tħassarha fil-bqija sabiex minflok tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi fis-somma ta' mija u erbatax-il elf, ħames mija u

sebgħa u sebgħin ewro, u erbgħa u tletin ċenteżmu (€114,577.34) u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' mija u erbatax-il elf, ħames mija u sebgħa u sebgħin ewro, u erbgħa u tletin ċenteżmu (€114,577.34).

Bl-imgħax mid-data tal-ewwel sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm